# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 8 ta' Jannar 2025

Kump Nru. 588/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

**vs**

**Stephen Gauci**
**(K.I. Nru 0711958M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Stephen Gauci** ta' 64 sena, iben Carmel u Maria Stella xebba Calleja, residenti ġewwa l-fond 91, Fl 3, Triq Ġorġ Borġ Olivier, San Ġiljan imwieled il-Pietà nhar l-04 ta Novembru 1958, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0711958M akkużat talli nhar id-29 ta' Lulju 2023, bejn il-ħinijiet tal-23:00hrs u 23:45hrs ta' filgħaxija u fiż-żmien ta' qabel, ġewwa/jew fuq il-binja numru 91, sitwat ġewwa Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan u/jew f'inħawi oħra f'dawn il-Ġżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ Marthese Pollacco u Kim Camenzuli u/jew persuni oħra f’ periklu ċar, ikkaġunalhom ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħhom, liema ġrieħi ta’ natura ħafifa hekk kif iċċertifikat min Dr David Borg med. Reg. 4552 mill-klinika tal-Florjana.

2. U aktar talli fl-istess żmien, u ċirkostanzi uża vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel lil Marthese Pollacco u Kim Camenzuli u/jew persuni oħra, tagħmel, tħalli, ssir, jew tonqos milli tagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet ta’ Marthese Pollacco u Kim Camenzuli u/jew persuni oħra jew iżolajt tali persuna jew illimitajt l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impieg.

3. U aktar talli fl-istess żmien, u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lill Marthese Pollacco u Kim Camenzuli u/jew persuni oħra, biża li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà jew kontra l-persuna jew proprjetà’ ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu ser jikkanġuna din il-biża’.

4. Ħebbejt għal Marthese Pollacco u Kim Camenzuli sabiex tinġurjaħa, iddejjaqha jew tagħmillha ħsara b’ xi mod.

5. Iżjed talli fl-istess data, żmien lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser l-paċi pubblika u/jew l-bon ordni b’ għajjat u/jew ġlied.

6. Talli indirizzajt lejn Marthese Pollacco u Kim Camenzuli u/jew persuni oħra, kliem ta’ inġurji jew theddid mhux imsemmijin band’ oħra f’ dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b’ mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

7. Ukoll talli bejn is-sena 2022 u is-sena 2023, ġewwa dawn il-gżejjer, ġab ruħu b’ mod li ta’ fastidju, jew ġab ruħu b’ mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta’ fastidju għall-Marthese Pollacco u Kim Camenzuli u/jew persuni oħra.

Il-Qorti kienet mitluba li f' każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Marthese Pollacco u Kim Camenzuli ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba illi minn issa tipprovdi għall-garanzija ta' Marthese Pollacco u Kim Camenzuli skond l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar id-19 ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Frar 2024, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa' tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati t-29 ta' Diċembru 2023[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

a. Fl-artikoli 214, 215, 221, 222A(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 251(1),251H(b)(f),251(3),251B(1)(2),251A(1)(a)(b)(c), 251C, 251D, 251H(g), 251H(h),251H(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 339(1)(e), 339(1)(d), 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385,386, 412C, 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] A fol. 243 tal-atti proċesswali.

Liema Artikoli nqraw fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2024 fejn l-akkużat iddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġġudikat minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużata;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti u minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta li fid-29 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tal-23:15hrs il-pulizija li kienu stazzjonati ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' San Ġiljan irċevew telefonata minn persuna femminili li nstemgħet aġitata ħafna u talbet l-assistenza tal-pulizija għaliex kienet qed tiġi aggredita minn raġel waqt argument fuq il-bejt ġewwa 91, Triq Ġorġ Borg Olivier San Ġiljan. Waqt it-telefonata hija infurmat lill-pulizija li binha kien qiegħed iżomm l-allegat aggressur ma' l-art[2]. Il-pulizija marru fuq il-post fejn sabu l-allegata vittma, ċerta Marthese Pollacco u kien hemm ukoll binha, ċertu Kim Camenzuli li dak il-ħin kien qiegħed iżomm lill-akkużat ma' l-art. Preżenti kien hemm ukoll Roberta Cesareo li hija ħabiba ta' Pollacco u li kienet preżenti waqt l-argument in kwistjoni. Il-Qorti semgħet ukoll li l-ewwel il-pulizija kellmu l-allegata vittma li qaltilhom li kienet qed tilgħab *Scrabble* mal-ħabiba tagħha meta għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija, tela' fuq il-bejt il-ġar tagħha li joqgħod ġewwa flat 3 u l-ewwel waddbilha siġġu u imbagħad kważi tefagħha mill-bejt għal isfel iżda żamma binha Kim Camenzuli.[3] Sussegwentement il-pulizija kellmu lil Kim Camenzuli li qal li kien fl-appartament tiegħu u cioè appartament numru 7 meta sema' l-ommu tgħajjat minn fuq il-bejt għalhekk tela' jiġri u ra lill-akkużat ser jitfa' l-ommu għal isfel  peress illi kienet mixħuta mal-ħajt tal-bejt. Wara il-pulizija kellmu lil

[2] Ara r-rapport li tħejja mill-Pulizija li jinsab eżebit bħala Dok. KX4 a fol. 10 ta' l-atti proċesswali.
[3] Ara x-xhieda ta' PS 160 Wayne Borg u PS 2418 Analise Theuma li xehdu fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023 a fol. 120 sa 130 ta' l-atti proċesswali.

Roberta Cesareo li qalet li hi u l-allegata vittma kienu qed jilgħabu fuq il-bejt meta f'ħin minnhom tela' raġel u attakka lill-allegata vittma u waddbilha siġġu u imbagħad qabadha u kien ser jiftaħha għal isfel iżda fil-pront tela' Kim Camenzuli li żammu sakemm ċemplu lill-pulizija għall-assistenza.

Fl-istess waqt pulizija ieħor li kien fuq il-post ta' l-allegat inċident tkellem ma' l-akkużat fejn qallu li hu u Marthese Pollacco kellhom kawża l-Qorti dwar il-bejt li qal li huwa komun, liema kawża għada ma' ġietx deċiża. Huwa qal li tela' fuq il-bejt u ra lil Pollacco u li Cesareo madwar mejda jixorbu u hu qalilhom biex iżarmaw għaliex ma kellhomx dritt joqgħodu hemm. Huwa qal li l-allegata vittma bdiet tgħajru miġnun għaliex huwa ibagħti bid-dipressjoni. Imbagħad tela' Kim Camenzuli u qabbdu minn għonqu u Pollacco bdiet tigirfu u huwa beda' jiddefendi ruħu billi beda' jagħti lura. L-akkużat qal ukoll li Kim Camenzuli qallu li kien ser joqtlu u intefa' fuq ma' l-art.

Illi l-allegat vittma Marthese Pollacco kif ukoll binha Kim Camenzuli marru l-berġa tal-Furjana fejn ġew iċċertifikati li waqt l-allegat argument huma soffrew ġrieħi ta' natura ħafifa. Iċ-certifikat mediku maħruġ fil-konfront tagħhom rispettivament ġie mgħoddi lill-Pulizija ta' l-Għassa ta' San Ġiljan.[4]

Ikkunsidrat;

Il-*parte civile* Marthese Pollacco xehdet f' dawn il-proċeduri[5] fejn qalet li fid-29 ta' Lulju 2023 għall-ħabta tal-11:00p.m. hija kienet qiegħda tilgħab *Scrabble* mal-ħabiba tagħha Roberta Cesareo fuq il-bejt tal-blokka ta' appartamenti fejn tgħix f' San Ġiljan, meta tela' l-akkużat Stephan Gauci b'rabja kbira. Hija qalet li waddbilha diversi siġġijiet u anke *sunbed* u beda' jagħtiha bil-ponn. Qalet ukoll li fl-istess waqt l-akkużat ressaqha aktar viċin tar-*railings* u ġibdilha xagħarha 'l barra mir-*railings.* Pollacco spjegat li kien hemm kwistjoni bejnha u l-akkużat dwar il-bejt u saħansitra kien hemm kawża ċivili għaddejja l-Qorti għaliex l-akkużat isostni li l-huwa għandu l-użu ta' parti mill-bejt. Hija qalet li l-bejt huwa proprjetà tagħha u allura kienet poġġiet mejda, siġġijiet u *loungers* li kien madwar pied 'l bogħod mir-*railings* li jagħtu

[4] Ara fol. 16 u 17 ta' l-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-22 ta' Awwissu 2023 a fol. 46 sa 54 ta' l-atti proċesswali.

għal fuq it-triq. Spjegat li l-ħabiba tagħha kienet dahra lejn il-bejt filwaqt li hija kienet bil-qiegħa mal-ġenb. Qalet ukoll li hija toqgħod fil-*penthouse* numru 8 li tiġi taħt il-bejt u binha Kim Camenzuli joqgħod fl-appartament numru 7. Hi spjegat li waqt l-aggressjoni kienet qed twerżaq, tgħajjat u tibki b'hekk semagħha binha Kim Camenzuli mill-appartament tiegħu u tela' fuq il-bejt. Binha qabad lill-akkużat u żammu ma' l-art sakemm Roberta Cesareo ċemplet lill-pulizija u dawn wasslu fuq il-post. Wara, marret il-*polyclinic* peress illi kienet imbenġla. Hija qalet ukoll li wara, peress illi kienet imbeżża marret torqod għand ħabiba tagħha u ma reġgħetx marret lura d-dar u binha mar jorqod għand it-tfajla tiegħu. Qalet li qabel dan l-inċident u cioè mis-sena 2020 'l hawn hija kienet għamlet diversi rapporti oħra kontra l-akkużat peress illi kien jheddidha.[6] Fil-fatt hija eżebit ir-rapporti li kienu saru. Hija kompliet tgħid li darba minnhom l-akkużat kien qalilha li kien ser itella' lilha u lill-Perit tagħha l-Qorti talli kienu serqulu l-kuntratt. Sussegwentement, hija qalet li l-akkużat kien ra lil binha u kien staqsieh meta kienu ser jiġġieldu. Qalet ukoll li l-akkużat kien jgħajjarha, isabbat u meta jaraha kien jaqta' idejh u joħroġ żewġt iswaba.  Hija qalet ukoll li kull meta tisma' l-*lift* tibda' tibża' peress illi binha joqgħod taħtha u allura tibża' li l-akkużat jagħmillu xi ħaġa.

Xehed il-parte civile Kim Camenzuli[7] li qal li dakinhar tal-inċident hu kien fl-appartament tiegħu jisma' l-mużika bil-bieb magħluq. Huwa spjega li l-appartament tiegħu qiegħed żewġ sulari 'l isfel mill-bejt *de quo*, fil-blokka ta' appartamenti fejn joqgħodu kemm hu, Marthese Pollacco u l-akkużat. Qal f'ħin minnhom sema' ħafna twerżieq u għajjat u tela' jiġri fuq il-bejt u fejn ra lil Stephen Gauci jżomm 'l ommu 'l barra mir-*railings.* Ra ukoll ħafna siġġijiet u *deckchairs* ma' l-art u li dehru li kienu ġew imwaddbin. Qal li mar jiġri fuq l-akkużat biex jipprova jiġbdu minn m' ommu. Spjega li ġibed l-akkużat ma' l-art u qal lil Roberta Cesareo biex iċċempel lill-pulizija u żammu ma' l-art sakemm wasslu l-pulizija. Xehed ukoll li waqt li kien qiegħed iżomm l-akkużat, dan beda' jheddu li jsibu għax m' għandux x' jitlef. Wara li l-pulizija telqu minn fuq il-post u ħadu l-akkużat magħhom huwa mar flimkien m' ommu l-

[6] Ara r-rapporti eżebiti a fol. 183 sa 186, fol. 190 sa 193 u fol. 198 sa 203 u x-xhieda ta' PC 1052 Brian Tonna, PC 987 Daniel Sultana u PS 2394 Chantelle Balzan mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2023 a fol. 180 sa 182, fol. 187 sa 189 u fol. 194 sa 196 rispettivament.
[7] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-22 ta' Awwissu 2023 a fol. 74 sa 80 ta' l-atti proċesswali.

*polyclinic* fejn għamlu ċertifikat mediku. Dan ix-xhud xehed ukoll li fil-passat kien hemm okkażjonijiet oħra fejn l-akkużat kien heddu.

Xehdet Roberta Cesareo[8] li qalet li hi u l-*parte civile* Marthese Pollacco ilhom ħbieb u li huma jħobbu jmorru għand xulxin. Dakinhar tad-29 ta' Lulju 2023, għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija hija marret għand Marthese Pollacco u kienu qed jilgħabu *Scrabble* fuq il-bejt meta għall-ħabta tal-11:00pm, kif kienu għadhom kif spiċċaw il-logħba, f' daqqa waħda waqt li kienu qed jitkellmu, semgħet il-bieb tal-bejt jinstabat u ħareġ l-akkużat fuq il-bejt. L-ewwel beda' jitfa' s-siġġijiet li kien hemm mal-mejda lejn *il-parte civile* imbagħad beda' jitfa' il-*loungers.* Kellu rabja kbira tidher fuq wiċċu. Hija qalet li l-akkużat ressaq lill-*parte civile* viċin *ir-railings* u beda' jiġbdilha xagħarha 'l barra mir-*railings* u beda' anke jagħtiha bil-ponn. Hi kompliet tgħid li kemm hi u kif ukoll l-*parte civile* bdew jgħajjtu ħafna. Fi ftit minuti tela' Kim Camenzuli li tefa' lill-akkużat ma' l-art u żammu sakemm wasslu l-pulizija. Tgħid ukoll li f' dak il-mument l-akkużat beda' jhedded lil Kim li ser joqtlu. Hija eżebiet *pendrive*[9] li fuqu kien hemm *video* li ħadet hi stess waqt li Kim Camenzuli kien qed iżomm lill-akkużat ma' l-art sa ma' wasslu l-pulizija.

Ikkunsidrat

Illi l-akkużat irrilaxxa stqarrija fit-30 ta' Lulju 2023[10] fejn qal li fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Lulju 2023 għall-ħabta tal-10:00pm, huwa kien sejjer lura fl-appartament tiegħu wara mixja, meta ra li kien hemm id-dawl fuq il-bejt u allura tela' ħalli jara. L-akkużat stqarr li kien hemm kwistjoni bejnu u bejn il-*parte civile* dwar il-bejt u fil-fatt sa dak iż-żmien kien hemm kawża ta' natura ċivili bejniethom. Skontu, huwa għandu d-dritt tal-użu ta' parti tal-bejt proprjetà ta' Kim Camenzuli.

L-akkużat kompla jistqarr li meta tela' fuq il-bejt u ra lill-parte ċivile u l-ħabiba tagħha hemmhekk, xi żewġ metri 'l bogħod mill-poġġaman, jixorbu l-inbid u huwa qalilhom

---

[8] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-22 ta' Awwissu 2023 a fol. 81 sa 87 ta' l-atti proċesswali.
[9] Vide Dok RC A fol. 88 tal-atti proċesswali.
[10] Ara t-traskrizzjoni tal-Istqarrija Awdjo-Viżiva magħmulha minn Dr. Roberta Bonello u ppreżentata nhar it-3 ta' Ottubru 2023, a fol. 137 tal-atti proċesswali.

li ma' setawx jagħmlu xejn hemmhekk. Huwa kompla jgħid li ressaq *is-sunbeds* u l-*parte ċivile* qaltlu li setgħet tagħmel li trid għax il-bejt kien proprjeta' tagħha u għajritu miġnun. Kompla jistqarr li imbagħad tela' Kim Camezuli u taħ daqqa kbira f' rasu tant li tefgħu f'ħoġġorhom u konsekwenza ta' dan, l-akkużat infexx jiddefendi ruħu u jagħti kemm lill-Marthese Pollacco kif ukoll lil binha. L-akkużat kompla jtenni li Kim Camenzuli f' dak il-mument heddu li joqtlu. L-akkużat innega li żamm lill-Marthese Pollacco b' xi mod iżda qal li beda' ixejjer idejh. Huwa ċaħad li waddab is-siġġijiet lejha u qal li ma' kienx jaf għalfejn tela' Kim Camenzuli. Ċaħad li Camenzuli tela' għax sema' lill-ommu tgħajjat u skontu kellhom biss argument normali. L-akkużat tenna jgħid li huma daruh meta' tela' Kim Camenzuli u nnega li mess lill-Martese Pollacco u ċaħad ukoll li qabadha minn għonqha.

L-akkużat stqarr li kien hemm okkażjoni, fis-sena 1995 meta skontu, Pollacco akkużatu li kien fis-sakra u taha fastidju. Huwa kompla jgħid li din kienet ir-raba' darba li kellu argument magħha u li kellhom jintervjenu il-pulizija.

Ikkunsidrat;

Illi PC874 Wayne Briffa xehed li, fid-29 ta' Lulju 2023 għall-ħabta tal-11:15 pm l-pulizija ta' l-Għassa ta' San Ġiljan irċevew telefonata permezz ta' liema ġew infurmati li kien hemm argument fuq bejt ġewwa l-appartament fl-indirizz 91, Triq Ġorġ Borġ Olivier, San Ġiljan. Il-Pulizija marru fuq il-post u telgħu fuq il-bejt fejn sabu lil Kim Camenzuli qiegħed iżomm lill-akkużat, ma' l-art wiċċu 'l fuq u Camenzuli kien bilqiegħda fuq sidru.[11]

Xehed Dr David Borg[12] li ra lil Marthese Pollacco u lil Kim Camenzuli ġewwa l-Polyclinic tal-Furjana u ċċertifika li kienu qed isofru minn feriti ta' natura ħafifa. Fuq domanda li saritlu in kontro eżami Dr Borg ikkonferma li l-grif li l-Marthese Pollacco kellha fuq it-*triceps* kienu kompatibbli ma' *restraint.*

[11] Ara x-xhieda ta' PC874 Wayne Briffa mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2023 a fol. 175 sa 178 ta' l-atti proċesswali.
[12] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-27 ta' Novembru 2023 a fol. 210 sa 215.

Xehdet Dr Chanel Gatt li rat lill-akkużat ġewwa l-polyclinic tal-Mosta u ċċertifikat li kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa.[13]

Ikkonsidrat;

Illi f'dan il-każ, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet li għalkemm jaqblu f'ċerta dettalji, ossija li kien hemm taqbida bejn l-akkużat, Marthese Pollacco u binha, ma jabqlux x'wassal għal tali taqbida. Pollacco ssostni li l-akkużat ħebb għaliha b'rabja kbira u anke waddab is-siġġijiet u *sunbeds* li kien hemm fuq il-bejt filwaqt li l-akkużat isostni li Camenzili ipprovokaħ u ħebb għalih filwaqt li l-akkużat kien biss qed jiddefendi ruħu.

Illi, fid-dawl ta' dan il-kunflitt, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[14] fejn jingħad:

> "*Illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.*"

Illi għalhekk il-Qorti għandha teżamina l-provi miġjuba quddiemha fid-dawl tal-Artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha. Tali eżami, madanakollu, ma jistax isir b'mod spezzettat għaliex kif ġie ritenut fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis A:**[15]

> *"Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali iżda l-provi għandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x' inferenzi jew*

---

[13] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fis-27 ta' Novembru 2023 a fol. 216 sa 219.

[14] **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, Qorti tal-Appell Kriminali, 9 ta' Lulju 2003, (App. Krim. Nru 59/2003).

[15] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis A**, Qorti Kriminali, 6 t' Ottubru 2023, (Att ta' Akkuża Nru: 10/2022).

*interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Illi f'dan il-każ, il-Qorti għandha quddiema kemm xhieda okulari – ossija Marthese Pollacco, Kim Camenzuli, Roberta Cesareo u l-akkużat, kif ukoll evidenza vidjografika permezz tal-filmat miġbud u ppreżentat minn Roberta Cesareo.

Illi fil-verżjonijiet mogħtija minnhom, kemm Marthese Pollacco kif ukoll Roberta Cesareo kienu konsistenti fuq il-fatt li huma kienu qed jilgħabu *Scrabble* fuq il-bejt għall-kwiet meta f'ħin minnhom tela' l-akkużat li kien viżibilment irrabjat u beda jgħajjat magħhom. Jaqblu wkoll li l-akkużat għamel l-ewwel aggressjoni fuq Marthese Pollacco u li ftit tal-ħin wara tela' Kim Camenzuli. Ix-xhieda ta' Camenzuli, min-naħa l-oħra, ma titfax dawl fuq min beda din l-alterkazzjoni peress li dak il-ħin hu kien fil-kamra tas-sodda tiegħu jisma' l-mużika u kien biss wara li sema' l-istorbju u għajjat li tela' jiġri fuq il-bejt.

Illi l-verżjoni mogħtija mill-akkużat għal dan l-inċident, min-naħa l-oħra, hija dik rilaxxata fl-istqarrija tiegħu fejn qal li hu tela' fuq il-bejt għax ra d-dawl mixgħul u sab lill-*parte civile* flimkien ma persuna oħra. Qalilha li ħaditlu kollox mill-bejt u ressaq is-*sunbeds.* Għal dan hi rrispondietu li hemm tagħha u tagħmel li trid. Qal li ressaq id-*deckchairs* imbagħad ġie Kim Camenzuli minn wara u taħ daqqa "tal-qaddisin" u tefgħu fuqhom u minn dak il-mument 'l quddiem ifferoċja u ma bediex jara. Qal li imbagħad beda' jagħti lilha u lilu. Qal li Kim Camenzuli tefgħu ma' l-art u beda jipprova jifgaw u qallu li se joqtlu u li ma setax iqum minn ma' l-art, filfatt il-pulizija sabu lill-akkużat ma' l-art meta wasslu fuq il-post.

Illi mill-filmat eżebit, madanakollu, għalkemm tassew jirriżulta li Kim Camenzuli qiegħed għarkubtejh ma' l-art bl-akkużat taħtu u miżmum ma' l-art, ma jirriżultax li

kien hemm xi aggressjoni bejn Kim Camenzuli versu l-akkużat, anzi l-istess Camenzuli jinstema' fil-filmat jgħid diversi drabi li jekk l-akkużat iniżżel idejh huwa kien lest li jqum minn fuqu u jirrilaxxaħ. Illi fil-fehma tal-Qorti, li kieku l-agressjoni kienet ġejja minn Camenzuli versu l-akkużat, kien ikun inverosimili li Camenzuli jgħidlu il kien se jħallieħ. Camenzuli jinstema' wkoll iċanfar lill-akkużat għax refa jdejh fuq ommu. Illi ta min jgħid li dan il-filmat ittieħed *a tempo vergine* u b'hekk jirrifletti bi preċiżjoni dak li kien qed iseħħ ftit minuti qabel.

Illi di più, f'din il-posizzjoni l-akkużat jinstema' jgħid diversi kliem fosthom "*agħfas, agħfas demel, oqtolni ejja ejja...*", "*qed agħfasli għonqi...araħ aħmar, agħfas agħfas.*" u wkoll "C*ome closer, come closer, kellimni ħażin, kellimni ħażin u sabuni tlieta, tlieta kontrija*". Illi fil-fehma tal-Qorti, il-*parte civile* qal dan id-diskors għal żewġ raġunijiet, fl-ewwel lok sabiex jipprovoka *a tempo vergine* lil Camenzuli biex f'dik il-posizzjoni jagħmillu xi ħaġa, kif ukoll sabiex ipinġi stampa fejn hu safa' aggredit minn tlett persuni u mhux li hu aggredixxa. Illi għandu jingħad li fil-filmat, għalkemm Camenzuli jinstab fiżikament fuq l-akkużat, ma hemmx sinjali ta' aggressjoni da parti ta' Pollacco, Camenzuli jew Cesareo. Anzi hemm sitwazzjoni li tinħass aġitata u panikuża da parti ta' Pollacco u Cesareo. Illi ta' min jgħid ukoll li jirriżulta li t-telefonata lill-pulizija ġiet deskritta bħala "a distressed call" minn PS Wayne Borg. Mill-filmat jirriżulta wkoll li l-*parte civile* u Roberta Cesareo kienu qed jistennew bil-ħerqa l-wasla tal-Pulizija fuq il-post. Dawn iċ-ċirkostanzi meħudin flimkien jimplikaw li t-telefonata u l-istennija anzjuża tal-pulizija hija assoċjata ma min qed jiġi aggredit, aktar milli ma min qed jaggredixxi. Illi mill-filmat jidher ċar li s-sitwazzjoni fuq il-bejt kienet li Camenzuli kien qed jipprova jikkalma lill-akkużat u mhux bil-kontra, kif qed isostni l-akkużat fil-verżjoni tiegħu.

Illi mix-xhieda mogħtija minn Camenzuli jirriżulta wkoll li hu kien fl-appartament tiegħu jisma' l-mużika meta tela' fuq il-bejt wara li sema l-istorbju u għajjat. Din il-verżjoni hija aktar verosimili mal-verżjoni mogħtija minn Marthese Pollacco u Roberta Cesareo għas-sempliċi fatt li kieku l-akkużat tkellem ma Pollacco b'mod kalm, kif qed jgħid li għamel, kieku Camenzuli ma kienx ikun f'posizzjoni jisma' l-istorbju fuq il-bejt u ma kienx jitla' b'ġirja kif filfatt għamel.

Għalhekk, minn eżami tad-diversi provi miġjuba quddiemha, hija l-fehma tal-Qorti li l-verżjoni mogħtija mill-prosekuzzjoni hija aktar verosimili u kredibbli meta mqabbla mal-verżjoni mogħtija mill-akkużat u għalhekk il-Qorti sejra temmen il-verżjoni tal-prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel akkuża mogħtija mill-Avukat Ġenerali fir-Rinviju għall-Ġudizzju, Stephen Gauci qed jiġi akkużat li wettaq offiża ta' natura ħafifa kif aggravat bl-Artikolu 222A(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi miċ-ċertifikati mediċi ppreżentati in atti jirriżulta li kemm Marthese Pollacco kif ukoll Kim Camenzuli soffrew ġrieħi ta' natura ħafifa. Jirriżulta li dan l-eżami mediku sar dakinhar stess tal-aggressjoni u li mix-xhieda mismugħa minn din il-Qorti, kien l-akkużat li aggredixxa lil Marthese Pollacco u li sussegwentement kellu taqbida ma Kim Camenzuli meta dan mar biex jżommu.

Illi għalhekk, anke fid-dawl ta' dak espost aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-ewwel akkuża. Illi min-naħa l-oħra, għandu jingħad ukoll li ma rriżultax lil din il-Qorti illi dan ir-reat twettaq bil-motivi jew aggravji elenkati fl-Artikolu 222A(2) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, il-gravam mogħti mill-Avukat Ġenerali f'dan ir-reat ma jissustix.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tieni akkuża tiegħu, l-Avukat Ġenerali jakkuża lill-akkużat li (i) ikkommetta r-reat ta' vjolenza kontra l-privat kif riportat fl-Artikolu 251 tal-Kodiċi Kriminali, (ii) ikommetta r-reat ta' Fastidju kif kif riportat fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali u (iii) ikkommetta r-reat li kkawża biża' lil terzi li se tintuża vjolenza kontrihom kif riportat

fl-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, bil-varji aggravji kontemplati fl-Artikoli 251Ċ, 251D, 251H(b)(f)(g)(h)(i) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fir-rigward tal-Artikolu 251 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tinnota li dan l-Artikolu jistipola li:

> *"**251.** (1) Kull min juża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel li xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-aħħar artikolu qabel dan."*

Illi mid-diċitura ta' dan l-artikolu jirriżulta illi l-użu ta' vjolenza, kemm fiżika, morali jew psikoloġika trid tkun indirizzata sabiex iġġieħel lil terza persuna ġġib ruħha bil-mod kif deskritt fil-bqija tal-Artikolu. Illi di più, il-prosekuzzjoni trid tipprova illi jrid ikun hemm ċerta "*course of conduct"* da parti tal-akkużat. Fil-fatt, ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Andrew St. John**[16] illi:

> *"Ghall-istess ragunijiet u tenut kont ta' dak li jipprovdi l-Explanatory Memorandum, hu necessarju li l-att kriminuz li jikkostitwixxi vjolenza psikologika ma jkunx xi att izolat izda "**a course of conduct rather than a single event**. It is intended to capture the criminal nature of an **abusive pattern of behaviour occurring over time**." [Para. 181]."*

Illi dwar l-element ta' "*course of conduc*t", din il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **il-Pulizija vs Massimo Tivisini**[17] fejn ġie ritenut illi:

[16] **Il-Pulizija vs Andrew St. John**, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 24 ta' Settembru 2019 (Kump Nru 465/2019)
[17] **Pulizija vs Massimo Tivisini** – Qorti tal-Appell Kriminali 27 ta' Frar 2009, (Appell Krim Nru 351/2008)

*Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-*

> *"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

*dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**" [21.6.07] :-*

> *"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Illi l-ġurisprudenza nostrana stabbiliet ukoll li l-element ta' "*course of conduct*" huwa neċessarju wkoll għar-reati kkontemplati fl-Artikolu 251A u 251B tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk, il-Qorti ser teżamina jekk tali element jissusistix.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhiedha ta Marthese Pollacco jirriżulta li kollox beda minn żjara li għamel il-perit tagħha fl-appartament tal-akkużat sabiex jagħmel *condition report*. Jidher li l-akkużat kellu xi *filing* fuq is-sodda tiegħu u wara din iż-żjara informaha li se jtella' lilha u lill-perit il-Qorti għaliex skontu serqitlu l-kuntratt. Jirriżulta li minn dakinhar 'l quddiem l-akkużat jipprova jirreżisti bil-qawwa l-użu minn Pollacco tal-ambjent tal-bejt li huwa jgħid li għandu l-użu tiegħu. Filfatt, jirriżulta mill-istess stqarrija tal-akkużat li hu ma jridx li l-*parte ċivile* jagħmlu użu minn din il-parti tal-bejt li qed jagħmel użu minnha hu stess.

Illi di più, jirriżulta mix-xhieda kemm ta' Marthese Pollacco kif ukoll ta' Kim Camenzuli li l-akkużat f'diversi drabi joffendihom u jgħajjarhom. Pollacco tiddeskrivi kif darba minnhom waqt li kienet fil-gallarija, l-akkużat beda' jaqta' jdejħ u jgħajjarha "*Aw żibla, żibla, żibla*" u li darb' oħra waqt li kienet ma' terza persuna u beda jgħajjarha "*ara n-nurse mal-anzjan*" fost kliem aktar dispreġġjattiv u theddid għall-ġlied. Filfatt hi ppreżentat diversi rapporti li għamlet mal-pulizija dwar dawn l-inċidenti. Kim Camenzuli, min-naħa tiegħu jgħid li darba minnhom l-akkużat stiednu għall-ġlied u anke heddu diversi drabi.

Illi hawnhekk il-Qorti tippreċiża illi fir-rigward tal-akkużi rigwardanti r-reati kkontemplati fl-Artikoli 251 u 251B tal-Kodiċi Kriminali, il-prosekuzzjoni llimitathom għall-perjodu "29 ta' Lulju 2023 bejn il-ħinijiet ta' 23:00hrs u 23:45hrs ta' filgħaxija **u fiż-żmien ta' qabel** (emfasi tal-Qorti)". Illi fil-fehma tal-Qorti din id-deskrizzjoni temporali mogħtija mill-prosekuzzjoni ma testendix għal ġimgħat, xhur jew snin ta' qabel, iżda biss għal ftit jiem qabel id-data indikata mill-prosekuzzjoni.

Illi r-rapporti ppreżentati minn Marthese Pollacco jirreferu għal inċidenti li seħħew fis-16 ta' Lulju 2022; 7 ta' Marzu 2022; 25 ta' April 2021 u 22 ta' Frar 2021. Illi għalhekk dawn ir-rapport jmorru lilhinn mill-perjodu indikat mill-prosekuzzjoni fl-akkużi miġjuba u allura l-Qorti ser tiskarthom b'rabta ma dawn ir-reati.

Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, madanakollu, il-prosekuzzjoni ppreċiżat l-akkuża bil-kliem "*bejn is-sena 2022 u is-sena 2023*" u għalhekk ir-rapporti datati 6 ta' Lulju 2022 u 7 ta' Marzu 2022 jaqgħu fil-parametri ta' dan ir-reat u l-Qorti ser tieħu konjizzjoni tagħhom.

Illi fix-xhieda tiegħu, Kim Camenzuli qal li f'dawn l-aħħar sentejn (ċioè s-sentejn ta qabel ma xehed) l-akkużat kien heddu għall-ġlied f'diversi okkażjonijiet, darba minnhom anke b'biċċa tal-ħadida f'idejh. Illi fil-fehma tal-Qorti, għalkemm din ix-

xhieda m'hijiex suffiċjenti biex tissodisfa l-element ta' *course of conduct* fil-perjodi stipulati għar-reati kkontemplati fl-Artikoli 251 u 251B tal-Kodiċi Kriminali, hija suffiċjenti sabiex tissodisfa dan l-element għall-perjodu stipulat fir-rigward tal-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali.

Illi għalhekk il-Qorti, filwaqt li ssib li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-akkużi marbuta mal-Artikoli 251 u 251B minħabba l-għażla temporali limitata tal-akkużi, irnexxielha tipprova l-akkuża marbuta mal-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-Avukat Ġenerali kkwota wkoll diversi artikoli tal-liġi li jekk sodisfatti jaggravaw il-piena għal din it-tieni akkuża. Illi fil-fehma tal-Qorti huma l-Artikoli 251H(f) u (g) tal-Kodiċi Kriminali li huma applikabbli għall-każ *de quo*. Illi l-inċident li seħħ nhar id-29 ta' Lulju 2023 huwa indubbjament parti mill-kullana ta' inċidenti li kkawżaw fastidju lil Marthese Pollacco. Illi jirriżulta li f'dan l-inċident, l-akkużat uża l-vjolenza fiżika fuq Pollacco u għalhekk jissussti l-gravam kkontemplat fl-Artikolu 251H(f) tal-Kodiċi Kriminali. Illi fir-rigward tal-gravam kkontemplat fl-Artikolu 251H(g), mix-xhieda ta' Kim Camenzuli jirriżulta li darba minnhom huwa heddu quddiem il-bieb tiegħu billi għamel balla ħsejjes qisu b'xi biċċa tal-metall[18] u jgħidlu biex joħroġ barra.

Ikkunsidrat:

Illi l-artikoli kkwotati fit-tielet akkuża huma kollha reati ta' natura kontravenzjonali. Illi mill-provi prodotti jirriżulta li dakinhar tad-29 ta' Lulju 2023, bl-aġir tiegħu, l-akkużat ħebb għal Marthese Pollacco u għal Kim Camenzuli sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jgħamlilhom il-ħsara u għalhekk issodisfa l-elementi rikjesti mill-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.

---

[18] Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għat-tifsira ta'arma irregulari kif misjuba fl-Artikolu 64(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi mix-xhieda ta' Marthese Pollacco u mill-filmat ippreżentat jirriżulta li l-akkużat ndirrizzhom bi kliem inġurjuż u b'theddid kif deskritt fl-Artikolu 339(1)(e) ta-Kodiċi Kriminali. Illi għalhekk l-ementi ta' dan ir-reat ġew sodisfatti wkoll.

Illi fif-rigward tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil:**[19]

> *"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil" u "dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

Illi mir-rapport ippreżentat minn Dr Joe Cassar jirriżulta li riżultat tal-inċident *de quo*, Roberta Cesareo tant beżgħet li kellha wkoll xi episodji ta' ansjetá u biżà fil-jiem ta wara l-inċident. Illi għalhekk anke din il-kontravenzjoni ġiet ampjament ippruvata mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi in difesa, l-akkużat ressaq lil Dr Joe Vella Baldacchino bħala l-pskijatra kuranti tiegħu fejn qal li l-akkużat kien qed ibagħti minn dipressjoni u ansjetà minħabba s-sitwazzjoni tal-użu tal-bejt.

Illi għalkemm din is-sitwazzjoni mentali tal-akkużat ma taffettwax ir-reità tiegħu għall-akkużi msemmija, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni r-rapport ppreżentat għall-finijiet li tikkalibra l-piena spettanti lill-akkużat. Min-naħa l-oħra, l-Qorti ser tqis

[19] **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil,** 23 ta' Ġunju 1994, Qorti tal-Appell Kriminali,

ukoll li huwa intollerabbli li persuna tisfa' aggredita fl-ambjenti ta' mistrieħ u fil-privatezza tad-dar tagħha. Illi għalkemm hemm possibilità li l-akkużat għandu raġun fil-pretensjoni tiegħu tal-użu tal-bejt, tali possibilità ma ttiħx id-dritt li jħebb għal min iħoss li qed jikkawżalu l-ħsara jew li bl-imġieba tiegħu jagħti fastidju lil dawn l-istess persuni. Għalhekk il-piena għandha tkun waħda li tirrifletti din l-osservazzjoni

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli, 17, 18, 31, 214, 215, 221, 222A(2)(3) 251(1)(3), 251A(1)(a)(b)(c), 251B(1)(2), 251Ċ, 251D, 251H(b)(f)(g)(h)(i), 338(dd), 339(1)(d)(e), 382A, 383, 384, 385,386, 412C, 412D, 532A, 532B, 533 qed issib lil **Stephen Gauci** **ħati** ta'

(i) **l-ewwel akkuża** ossija dik li kkawża ġieħi ta' natura ħafifa fuq Marthese Pollacco u Kim Camenzuli bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali;

(ii) **it-tieni akkuża** inkwantu li ta fastidju lil Marthese Pollacco u lil Kim Camenzuli bi ksur tal-Artikolul 251A tal-Kodiċi Kriminali kif aggravat bl-Artikoli 251H(f) u (g) tal-istess Kodiċi; u

(iii) **It-tielet akkuża** ossija dik tar-reati kontravenzjonali bi ksur tal-Artikolu 338(dd), 339(1)(d) u (e) tal-Kodiċi Kriminali;

Filwaqt li qed tilliberaħ minn dawk l-akkużi li jikkontemplaw ir-reati jew aggravji rimanenti u tikkundannah għall-piena ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A u 28E tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk

huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Marthese Pollacco u Kim Camenzuli għall-perjodu ta' tlett (3) snin li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil Stephen Gauci jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma komplessiva ta' disgħa mija tnejn u ħamsin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€952.45) rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**